Ħarsu ftit lejn dawn l-istampi u rriflettu...

LILIA AGRI

ANTON BUTTIGIEG

Id-disa' sena
Is-Sa Cherise Spiteri
Kisba 13: Nikkumenta b’mod kritiku fuq testi letterarji.

Lilia Agri

Anton Buttigieg

Hemm Art fil-Folja paġna 108

Ħabib, meta tmur l-għalqa u tara warda
f'ħajt tas-sejjieħ, ieqaf u tgħaxxaq biha;

kun af li Alla stess, meta kien miexi

ġol-għalqa u ra lill-ward, waqaf u tgħaxxaq,

u qal li Salamun fil-glorja tiegħu

ma kienx liebes sabiħ daqs waħda minnhom!

It-titlu huwa l-isem bil-Latin ta’ fjura mill-familja tal-ġilju li tikber weħidha, l-aktar fix-xquq tal-ħitan tas-sejjieħ. L-użu tal-isem Latin ta’ din il-pjanta jagħti sens ta’ universalità lill-poeżija. Permezz tal-Latin, meqjus bħala lingwa klassika, il-poeta jrid ipoġġi lin-natura ’l fuq minn kull ħidma jew invenzjoni oħra tal-bniedem.

Il-poeta jistieden lill-bniedem biex huwa wkoll jieqaf jammira s-sbuħija ta’ din il-warda bħalma għamel wara kollox Alla nnifsu, il-ħallieq ta’ kollox iżda li waqaf quddiem ix-xbieha ta’ din il-warda biex jammira s-sbuħija tagħha.

Il-poeta juża lil Salamun bħala punt ta’ referenza għad-don tal-intelliġenza mogħti direttament minn Alla u wieħed mill-aqwa mexxejja tal-Poplu Lhudi, biex jagħti lin-natura dimensjoni mistika, u jirrinforza d-dikjarazzjoni ta’ Alla nnifsu li din il-warda għandha karatteristiċi aqwa mill-ilbies li kien imżejjen bih Salamun.

X’figuri tad-diskors qiegħed juża l-poeta?

“Ħabib” **Apostrofi**

Il-poeta jistedinna biex immorru qalb in-natura u napprezzawha.

“Ħabib, meta tmur l-għalqa u tara warda.” **Alliterazzjoni**

“ma kienx liebes sabiħ daqs waħda minnhom!” **Similitudni**

Osservazzjonijiet oħra

X’ton juża l-poeta? Juża ton didattiku biex jgħallem. L-użu tal-imperattiv jikkumplimenta dan it-ton

It-Teknika u l-Istruttura tal-Poeżija

1. Kemm insibu strofi fil-poeżija? Strofa waħda
2. Kemm hemm versi fil-poeżija? Sitt versi
3. Din il-poeżija għalhekk tissejjaħ: Sestett
4. X’metru qed jintuża matul il-poeżija? Vers endekasillabu
5. X’vokabolarju juża l-poeta? Il-vokabularju użat jikkumplimenta l-idea li Alla u n-natura huma l-bidu u l-qofol ta’ kollox. Eżempji ta’ dan il-vokabularju hum l-kelmiet:

    ħabib

    warda

    għalqa

    tgħaxxaq

    miexi

Tmiem

Hemm xi mistoqsijiet?